### Sejba Storika Importanti fuq ġrajjiet il-Ħamrun

# Ix-Xjenzat Famuż Deodat De Dolomieu kellu rabta mal-Ħamrun

***Dr. Raymond Mangion B.A, B.A. (Hons.), LL.D.***



**Commander Deodat De Dolomieu kif jidher fil-ktieb ta' C. E. Engel 'The Knights of Malta'**

Ismijiet ta' nies li baqgħu jissemmew fi ġrajjiet l-umanità u ċ-ċiviltà sa żmienna b'ġieħ jew stmerrija, bħallikieku isimhom ma jmut qatt, kemm għal ħsibijiethom kif ukoll għal għemilhom, niltaqgħu magħhom fl-oqsma kollha tal-ħajja, matul kull epoka, seklu wara l-ieħor. Il-fiżiku u matematiku Albert Einstein, l-istatista u dittatur Adolf Hitler, il-kummidjant u artista Charles Chaplain, kisbu tant fama f'dan is-seklu li ismhom jiġi mill-ewwel f'moħħna kif niġu biex nitħaddtu fuq l-istorja modern tax-xjenza universali, il-politika internazzjonali u ċ-ċinema mondjali. In-naturalista Charles Robert Darwin, il-kompożitur Giuseppe Verdi u l-filosofu Karl Marx huma tlett ismijiet immortali tas-seklu dsatax għaliex isimhom huwa emblematiku meta niġu biex nitkellmu fuq it-teorija ta' l-evoluzzjoni, l-iżvilupp ta' l-opra u l-tifrix ta' waħda mill-ikbar ideoloġiji ta' l-aħħar għexieren ta' snin: il-Kommuniżmu.

Il-minerologu u ġeoloġu Franċiż Deodat Tancred de Dolomieu huwa bla ħsieb u rieb wieħed mill-ismijiet il-kbar tas-seklu tmintax daqs dawk ta' l-avventurier u magu Xandru ta' Cagliostro u l-kompatrijott storiku u ħassieb Francois Marie Voltaire. Alfred Lacroix [1] u Claire E. Engel [2] ħallewlna l-aħjar biografiji fuq Dolomieu, għalkemm bosta kittieba oħrajn, Maltin u barranin, isemmuh b'mod jew ieħor fid-dawl ta' l-Illuminiżmu u t-taqlib kbir tas-seklu tmintax, l-iktar ir-Revoluzzjoni Franċiża. Il-muntanji fit-tramuntana ta' l-Italja, li joħolqu wieħed mir-reġjuni l-iktar sbieħ u għaxxiqien għal suriethom li tixbah lil dawk ta' kattidrali fortifikati ta' l-istil Romanesk, huma msemmijin għalih: id-Dolomiti [3].

Ix-xejriet ewlenin fil-ħajja ta' dan il-persunaġġ famuż u straordinarju tas-seklu tmintax, minbarra l-istħarriġ u l-istudju tax-xjenza msejsin fuq ħbiberiji fil-miftuħ u vjaġġi li ma jaqtgħu xejn, kienu Malta u l-preżenza tiegħu fiha ta' spiss. Dolomieu ma kellu l-ebda idea ta' speċjalizzazzjoni. Huwa ftaqad jew fela vulkani, pjanti, l-elettriku naturali, muniti Griegi u Rumani, kotba, kważi kull ħaġa li nistgħu nimmaġinaw li tolqot bniedem ta' għerf u dehen mhux komuni. Dolomieu twieled fl-1750 f'Dolomieu, Isere, qrib La Tour du Pin f'Dauphine, Franza u kien wild familja tassew nobbli b'rabtiet mill-qrib ħafna ma' l-Ordni ta' San Ġwann. Huwa, infatti, inħatar membru sa minn meta kien tfajjel, u temm biex ikun wieħed mill-iktar kavallieri brillanti tal-Lingwa ta' l-Avernja. Huwa ġie Malta għall-ewwel darba ta' tmintax-il sena u saħansitra wera l-ħsieb li joqgħod għal kollox fil-gżira meta kellu madwar tletin sena,

---

[1] Lacroix, Alfred. Deodat de Dolomieu Membre de l'Istitut National, 1750-1801 (Perrin et Cie, Paris, 1921).

[2] Engel, Claire-Elaine. Knights of Malta, A Gallery of Portraits (London, George Allen & Unwin Ltd, 1963, Chapter XX, pp.168-180). Kull riferenza għall-ħajja ta' Dolomieu hija msejsa fuq dan il-kapitlu.

[3] Bibliotheque Publique et Universitaire, Geneva, Nicholas-Theodore de Saussure Papers. Kien sewwasew Nicholas-Theodore de Saussure; iben in-naturalista famuż, li semma "Dolomit" iż-żonqor li bih huma magħrufin il-muntanji msemmijin.

iżda huwa kellu jħalli xtutna wara li kien żvela li jrid jasal sa l-ogħla karigi fi ħdan l-Ordni meta huwa kien arrestat f'daru fuq akkuża li huwa kien ġie skreditat mis-slaten ta' Napli [4]. Napuljun Bonaparte kien ħadu miegħu biex iwettaq tiftix xjentifiku fi spedizzjoni li huwa kien ħaseb li jagħmel fl-Eġittu. Dolomieu mhux biss reġa' ġie lura f'pajjiżna fi triqtu għal hemmhekk, iżda deher flimkien ma' l-ikbar ħabib tiegħu Bosredon-Rancijat f'isem l-Imperatur u gwerrier Franċiż biex jqalfat 'il barra mill-gżira lill-Ordni ta' San Ġwann. Huwa miet fl-età ta' 51 sena f'Chateauneuf, Saone-et-Loire, fl-1801.

Claire E. Engel kif ukoll storiċi Maltin bħal Victor F. Denaro [5] jsemmu li Dolomieu kien xtara dar fin-naħa nofsana tal-belt Valletta, meta huwa kien iddeċieda li jibqa' jgħammar fi gżiritna, fejn huwa kien saħansitra ħoloq ġnien botaniku li saħħar lill-Granmastru Emmanuel De Rohan Poldhuc. Carmelo Testa jsemmi li Dolomieu kien qatta' xi żmien igħix f'dar fi Triq Santa Luċija ma' Triq Irjali, dejjem fil-kapitli tagħna [6]. **Iżda ħadd għadu ma semma li Dolomieu kien għamel xi xhur b'konnessjoni mill-qrib sewwa ma' "Via San Giuseppe", il-Ħamrun, sewwasew mal-Palazz Blacas jew il-Palazz Carnero kif kien magħruf iktar 'il bogħod, li minnu għad fadal biċċa sew fejn sa llum insibu s-Sorijiet iż-Żgħar tal-Fqar.** Dan kien sewwasew fil-perjodu meta huwa kien wera l-għan li jokkupa pożizzjoni għolja ħafna fil-ġerarkija ta' l-Ordni.

Il-kotba tat-Teżor ta' l-Ordni li wasslu sa żmienna, u li jinsabu merfugħin fl-Arkivju tagħha fil-Librerija Nazzjonali fil-belt Valletta, juru li Dolomieu kien għamel żmien b'rabtiet mal-Ħamrun billi kien kera l-Palazz Blacas għall-ħlas ta' madwar 250 skud fis-sena [7]. Dan kien bejn Jannar, 1782 u April, 1786 [8]. Dolomieu kien saħansitra fittex li jsebbaħ il-palazz bit-twaqqif ta' riċessi u t-tiżrigħ ta' pjanti [9]. Il-Palazz Blacas, li kien inbena bis-saħħa tal-Fondazzjoni mwaqqfa mill-Kanċillier Fra Gaspare Carnero [10], kien inkera mill-Balliju Fra Antonio Blacas d'Aups [11], botaniku ta' fama [12], li baqa' jgħix fih sakemm miet fl-1777 [13].

---

[4] Ara L(ibrerija) N(azzjonali), A(rkivju) (ta' l-) O(rdni), M(alta), 1585 fuq id-digriet tal-Kunsill ta' l-Ordni fir-rigward ta' Dolomieu, pp.193-210, 263-265 u 423-434

[5] Denaro, Victor F. The Houses of Valletta (Progress Press Co. Ltd, 1967), pp.113-114. Irridu nifhmu fil-kuntest ta' dan li jingħad minnufih wara, li Denaro kien qiegħed jikteb biss fuq djar ġentiliżji u mhumiex fil-belt Valletta, u mhux oħrajn barra l-kapitali tagħna.

[6] Testa, Carmelo. Miż-Żewġ Naħat tas-Swar, Żmien il-Franċiżi f'Malta (Edizzjoni Klabb Kotba Maltin, Lux Press, 1979), l-Ewwel Kiteb, pp.9-10. Dan il-*magnum opus* fuq l-epoka Franċiża f'Malta se jkun mitbugħ mill-ġdid bl-Ingliż b'għadd ta' reviżjonijiet u żdidiet, inkluż l-introduzzjoni ta' referenzi li ma jinstabux f'din l-edizzjoni.

[7] Hawn irridu nammettu li dawn il-kotba wieħed, wieħed, sena wara l-oħra, jirreferu biss b'mod vag għall-"Palazz Carnero" u mhux għall-"Palazz Blacas", li lanqas ma jindikaw fejn kien jinstab. Iżda meta nifluhom ilkoll f'daqqa, fuq medda ta' perjodu twil ta' snin, nifmhu malajr għal liema palazz qegħdin jirreferu.

[8] L.N., A.O.M., Treas. 6 Series A, Conti, Vols.11-14. Dawn il-volumi juru għallinqas li huwa kien ħallas il-kera tal-Palazz Blacas fil-perjodu msemmi, presumibilment ukoll biex joqgħod hemmhekk.

[9] L.N, A.O.M. 658, f.239r-240r *et seq.*

[10] Ara L.N, A.O.M., 2203 fuq Fra Gaspare Carnero u Bartolomeo Dal Pozzo Historia Della Sacra Religione Militare di S. Giovanni Gerosolmitano detta di Malta (Venezia, 1715), Vol.II, p.459. Carnero kien l-istess Balliju li bena fejn dari konna nsibu l-Berġa tal-Baviera fil-belt Valletta (Ara L.N, A.O.M., 264, Liber Conciliorum, f.91lr.)

11 L.N., A.O.M., 653, Decreti, 1760-1767, p.86, u A.O.M, Treas.6, Series A, Conti, Vols.1-7. Achille Ferris fil-Memorie dell'Incloto Ordine Gerosolmitano esistente nelle Isole di Malta (Malta, Tiprografia di C. Busuttil, 1881), p.234, jgħid, bi żball, li l-Palazz Blacas kien bnieh, u mhux krieh, il-Balliju Fra Antonio Blacas d'Aups.

Il-Balliju Victor Nichol Vachon de Belmont [14] kien għammar ukoll f'dan il-palazz bejn l-1776 u l-1781 [15] sakemm, imbagħad, daħal fih il-minerologu u ġeologu Franċiż. Jean Marce Bosredon Vatanges, neputi ta' Bosredon Ransijat, kien ħa b'ċens il-Palazz Blacas wara Dolomieu hekk kif dan ħalla Malta [16]. Bosredon Vatanges [17], li kien pittur tajjeb, kien ukoll ħabib kbir ta' Dolomieu, u Napuljun kien ħajru wkoll biex imur miegħu l-Eġittu. Vatanges, li kien pinġa wkoll id-disinji li minnhom Dolomieu kien inqeda fil-ktieb tiegħu fuq vjaġġi li kien għamel fl-Italja bosta snin qabel [18], kien spiċċa b'rasu mtajra "bħal dulliegħa" [19] fl-istess Palazz Blacas meta l-Maltin qamu kontra l-Franċiżi fl-4 ta' Settembru, 1798 [20].

Riċerki kif imiss fil-qigħan ta' l-arkivji tagħna jistgħu jwasslu biex jinkixef bosta tagħrif fuq il-Ħamrun li s'issa ma konniex nafu bih, ukoll fuq l-istess rabtiet ta' Dolomieu mas-subborg tagħna. Il-fatt li wieħed mill-figuri l-kbar tas-seklu tmintax u ta' l-era ta' l-Illuminiżmu kien igħix fil-Ħamrun meta dan kien għadu mhux kotran, u meta lanqas biss kien magħruf b'dan l-isem, mhux biss iżewwaq iktar, iżda jżid fl-interess ta' ġrajjiet is-subborg tagħna [21].

*Drittijiet miżmuma minn Dr. Raymond Mangion u mill-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu*

---

[12] Ara N.L., Libr.Ms.245 għal biografija ta' Fra Antonio Blacas d'Aups, u Testa, The Life and Times of Grandmaster Pinto (Midsea Books, Malta 1989), pp.90-91 *et passim*. Jekk, bħala eżempju, nagħtu titwila lil N.L, Libr. Ms.140, f.163 *et seq*, niltaqgħu ma' rapport ta' Antonio Blacas d'Aups fuq proġett konness ma' l-introduzzjoni ta' industriji ġodda tal-botanika f'Malta, li jġib id-data 1759. Barraminhekk, il-lapida li hemm fuq il-qabar tiegħu fil-Kon-Kattidral ta' San Ġwann tgħid, fost l-oħrajn, "*Magna Cruce Ornato Naturae Artium Rei Agrariae Studiosissimo*" (Ara: Scicluna, Hannibal P. The Church of St. John, Valletta (Casa M. Danesi, Rome, 1955), p.295).

[13] N.L, A.O.M. 931(26), fascicolo 22, 217r-218v fuq l-ispoll tal-Balliju Antonio Blacas d'Aups.

[14] Ara N.L., A.O.M., 2096 fuq curriculum vitae tal-Balliju Victor Nichol Vachon de Belmont. Ara wkoll il-ktieb ta' Nicholas de Piro mitbugħ mill-Fondazzjoni Patrimonju Malti bl-isem The Sedan Chair in Malta - Is-Suggetta, (Guttenburg Press, Co. Ltd, 1993), pp.53-56, fuq dan il-Balliju, u Testa, op.cit, pp.235-236 *et passim*.

[15] N.L. A.O.M. Treas.6 Series A, Conti, Vols. 7-11.

[16] N.L, A.O.M. 207, Codiculus Annorum, 1787-1797, f.70r.

[17] Ara wkoll N.L, A.O.M., 772, f.317v-325v fuq Bosredon Vatanges.

[18] De Ransijat, Bosredon. Journal du Siege et Blocus de Malte (Malta, 1837), p.3.

[19] Arkivju tal-Mużew tal-Kattidral ta' l-Imdina, Inventarju Nru. 386v. Id-disinji kienu jagħmlu sehem mill-kollezzjoni tal-Markiż Saverio Marchesi.

[20] Arkivju Nazzjonali, Banca Giuratale, l-Imdina, Amministrazione dei Beni Pubblici, Acta Originalia, 1801-1802, p.311.

[21] Il-Palazz Blacas huwa s-suġġett ta' studju separat u dettaljat, li wkoll jespandi fuq ħajjet Dolomieu fejn jorbot miegħu, li l-kittieb ta' dan l-artiklu-qiegħed iħejji għall-ġejjieni bħala parti minn studju komprensiv fuq ġrajjiet is-subborg tal-Ħamrun.